**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2008 — Monoscoop vs UASI (SUDOKU SAMURAI BINGO)**

**(Kawża T-564/08)**

(2009/C 44/108)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Monoscoop BV (Alkmaar, l-Olanda) (rappreżentant: A. Canela Giménez, abogado)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

## Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) tat-30 ta' Settembru 2008, fil-Każ R 816/2008-2, u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* Trade mark verbali "SUDOKU SAMURAI BINGO" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 5.769.013) għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 28 u 41.

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* Applikazzjoni miċħuda.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud.

*Motivi invokati:* Applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark Komunitarja.

---

**Appell ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2008 mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej mis-sentenza mogħtija fit-13 ta' Novembru 2008 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-kawża F-90/07, Traore vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-572/08 P)**

(2009/C 44/109)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

## Partijiet

*Appellanti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Curall, G. Berscheid u B. Eggers, aġenti)

*Appellat:* Amadou Traore (Rhode-Saint-Genèse, il-Belġju)

## Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-13 ta' Novembru 2008 fil-Kawża F-90/07 sa fejn din tilqa' l-ewwel motiv ibbażat fuq irregolarità tal-proċedura tar-reklutaġġ, fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 29(1) tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll fuq il-prinċipji ta' trattament ugwali u tal-prospetti ta' karriera, sa fejn il-livell tal-pożizzjonijiet ġie stabbilit għall-gradi AD9 sa AD14 sa fejn hija kkonċernata l-pożizzjoni ta' Kap inkarigat mill-Operazzjonijiet fit-Tanżanija u tannulla ċ-ċaħda tal-kandidatura ta' A. Traore kif ukoll il-ħatra tas-Sur S. għall-imsemmija pożizzjoni;

— tiċħad ir-rikors ippreżentat minn A. Traore quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-90/07 sa fejn dan intlaqa' mill-imsemmi Tribunal għas-Servizz Pubbliku;

— tikkundanna lir-rikorrent fl-ewwel istanza għall-ispejjeż tal-appell u tiddeċiedi skont il-liġi fuq l-ispejjeż tal-istanza quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Permezz tal-appell preżenti, il-Kummissjoni titlob l-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP) tat-13 ta' Novembru 2008, mogħtija fil-kawża Traore vs Il-Kummissjoni, F-90/07, li permezz tagħha it-TSP annulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2006, li tiċħad il-kandidatura ta' A. Traore għall-pożizzjoni ta' Kap inkarigat mill-Operazzjonijiet fid-delegazzjoni tal-Kummissjoni fit-Tanżanija u d-deċiżjoni li jinħatar kandidat ieħor għal din il-pożizzjoni, safejn il-livell tal-pożizzjoni inkwistjoni li kellha timtela' kien ġie stabbilit għall-gradi AD 9 sa AD 14 (u ma ġiex limitat għal wieħed mill-gruppi ta' żewġ gradi AD 9/AD 10, AD 11/AD 12 jew AD 13/AD 14).

Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tqajjem aggravi ibbażati rispettivament fuq:

— żball ta' dritt imwettaq mit-TSP meta injora s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs Economidis (T-56/07 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), sa fejn it-TSP illimita b'mod żbaljat il-portata ta' din is-sentenza għall-każ biss tal-mili tal-pożizzjoni ta' kap tal-unità, filwaqt li l-istess kundizzjonijiet japplikaw għal pożizzjoni mhux maniġerjali bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ partikolari;

— injorar tal-prinċipji tar-rispett tal-interess ġenerali tas-servizz u tal-amministrazzjoni tajba.

---